**MINUTI**

**Laqgħa tar-Reġjun Ċentru**

## Laqgħa Nru. 75/2016

Data: L-Erbgħa 5 ta' Ottubru 2016

Hin: 5:30p.m.

Post: Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Ġwann SGN1660

---

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Michael Fenech Adami – *President*<br>Stefan Cordina– *Viċi President*<br>Anthony Dalli –*Sindku l-Iklin*<br>Margaret Baldacchino Cefai – *Sindku l-Imsida*<br>Paul Radmilli – *Kunsillier tas-Sliema*<br>Rita Borg – *Viċi Sindku Birkirkara*<br>Magda Magri Naudi – *Sindku Hal Lija*<br>Andre' Grech – *Viċi Sindku Hal Balzan*<br>Guido Dalli – *Sindku San Ġiljan*<br>Dominic Cassar – *Kunsillier San Ġwann*<br><br>Jeanette Galea – *Segretarju Eżekuttiv* |
| Skużati: | Keith Tanti – *Sindku tal-Pietà'*<br>Stephen Sultana – *Sindku Santa Venera* |
| Assenti: | Maximilian Zammit – *Sindku Ta' Xbiex*<br>Conrad Borg Manche – *Sindku l-Gżira* |

---

'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Gwann SGN 1660
Tel: +356 21374378 Fax: +356 21374367

# AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. *Quarterly Financial Statements* – Lulju sa Settembru 2016*;*
4. *Bye-laws*;
5. Impjieg ta' Persuna b'Diżabilità – *CIES Scheme*;
6. Komunikazzjoni mill-President;
7. Affarijiet Oħra;
8. Tender for the Service of Completion of a Regional Economic, Social and Cultural Community Plan (ESC PLAN)
9. Mistoqsijiet;
10. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
11. Korrispondenza;
12. Aġġornament.

# Minuti - 75/2016

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresieda.

## 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

**Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1** Il-minuti tas-Seduta Nru 74 li saret nhar it-Tlieta 13 ta' Settembru 2016 kienu meħuda bħala moqrija.

**1.2** Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, u sekondati mis-Sindku ta' Hal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi.

## 2. Punti mqajma mill-Minuti

**Punti mqajma mill-Minuti**

**2.1** Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri kif fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun kienet tressqet it-talba sabiex jinxtara television u *sound bar* biex jitpoġġew fil-*board room*. Waqt il-laqgħa kien hemm min issuġġerixxa li nikkuntattjaw żewġ ħwienet oħra sabiex inġibu prezz aħjar. Għal din ir-raġuni l-President ressaq fuq il-mejda l-kwotazzjonijiet. Kien hemm qbil unanimu li r-Reġjun għandu jagħżel l-irħas offerta, dik mingħand Jokate Group of Companies.

## 3. *Financial Quarterly Statements* – Lulju sa Settembru 2016

***Financial Quarterly Statements* – Lulju sa Settembru 2016**

3.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill memberi preżenti li dan l-*item* ser jiġi diskuss fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss peress li din il-laqgħa kienet imsejħa fil-bidu tax-xahar u ma kienx hemm biżżejjed żmien biex id-dokument jiġi preparat.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti bis-somma mill-aħħar ġbir ta' multi pendenti. Huwa spjega kif dan ir-Reġjun ġabar is-somma ta' €52,925.99. Wara li jitnaqqsu l-ispejjeż legali ta' Dr Sladden (ta' €3,224.40), l-ammont huwa dak ta' €49,701.59.

Kien hemm qbil unanimu bejn il-membri preżenti sabiex din is-somma ta' €49,701,59 titqassam bejn il-Kunsilli Lokali ta' dan ir-Reġjun.

***17:38pm – Il-Viċi Sindku ta' Hal Balzan, is-Sur Andre Grech, kif ukoll is-Sindku tal-Imsida, is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai, waslu għal din il-laqgħa.***

## 4. Bye-Laws

4.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti li nhar il-Ħamis 29 ta' Settembru 2016 kienet saret it-tieni laqgħa fuq il-*bye-laws*. Għal din il-laqgħa kienu preżenti is-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Paul Radmilli, is-Sur Andre Grech, is-Sur Dominic Cassar, is-Sur Guido Dalli, is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea. Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti li l-*bye-laws* komuni kienu fuq

a. Kostruzzjoni;

b. Inkonvenzjenza minn annimali;

c. Sistema ta' *park and ride*;

d. Boroż taż-żibel;

e. *Junk Mail*;

f. *Green wardens*;

g. *Ash-trays*;

h. Permessi;

i. Użu ta' trakkijiet żgħar (għal ġbir taż-żibel; tal-gass)

Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex terġa' ssir laqgħa flimkien mal-avukat, Dr Richard Sladden, sabiex ikun hemm parir legali dwar dan.

Il-Kunsillier ta' tas-Sliema, is-Sur Paul Radmilli, talab sabiex jintbagħat ir-rapport fuq din il-laqgħa qabel ma ssir il-laqgħa mal-avukat.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, spjegat li hi ser tibgħat in-noti li kienet ħadet waqt dawn iż-żewġ laqgħat li kienu saru fuq dan is-suġġett.

## 5. Komunikazzjoni mill-President

**Komunikazzjoni mill-President**

5.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa lil membri preżenti jekk kellhomx aktar informazzjoni dwar il-kampanja li għaddejja fil-preżent mingħand il-LESA.

5.2 Il-membri preżenti kollha spjegaw li kull ma kienu jafu kien biss dak li kien hemm fuq l-aħbarijiet.

5.3 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lil membri preżenti dwar laqgħa li kellu hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, ma' żewġ rappreżentanti mill-Awtorità tal-Ippjanar.

5.4 Is-Sur Fenech Adami spjega kif f'din il-laqgħa ta' introduzzjoni huwa għadda suġġeriment dwar in-numru ta' e-mails li kull Kunsill Lokali jirċievi kuljum mingħand l-Awtorità' tal-Ippjanar. Huwa talab sabiex meta jkun hemm applikazzjoni ta' *major project*, ir-Reġjun konċernat għandu jkun ikkupjat fl-email. Hu talab ukoll sabiex l-email li tintbagħat lill-Kunsill Lokali għandha tkun identifikata bħala major project.

5.5 Is-Sur Fenech Adami żied jgħid li permezz ta' din il-laqgħa, ir-rappreżentanti tal-Planning Authority infurmatna dwar il-Building Regulations Office. Il-Kunsill Lokali għandu jkellem lil dan l-uffiċċju minnufih jekk il-problema tikkonċerna l-*boundary wall* 'il quddiem.

## 6. Impjieg ta' Persuna b'Diżabilità mill-ETC – *CIES Scheme*

**Impjieg ta' Persuna b'Diżabilita mill-ETC – *CIES Scheme***

6.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti li nhar il-Ġimgħa 23 ta' Settembru 2016 dan ir-Reġjun ġie infurmat li d-Dipartiment laqa' l-applikazzjoni ta' dan ir-Reġjun sabiex ikollna persuna b'diżabilità' taħdem fuq bażi *part time* fl-uffiċċju amministrattiv ta' dan ir-Reġjun. F'din l-email, dan ir-Reġjun ġie infurmat li għandu jintgħażel bord sabiex isiru l-interviews. Iktar tard fl-istess ġurnata, dan ir-Reġjun ġie infurmat minn Jobsplus b'lista ta' persuni eliġibbli għal dan l-impjieg. Kull persuna setghet tibgħat is-CV tagħha sa mhux aktar tard min nhar it-Tnejn 3 ta' Ottubru. B'kollox dan ir-Reġjun irċieva ħdax-il applikazzjoni. Nhar il-Ġimgħa 23 ta' Settembru 2016 dan ir-Reġjun ġie infurmat li d-Dipartiment laqa' l-applikazzjoni tagħna sabiex ikollna persuna b'diżabilità' taħdem fuq bażi *part time* fl-uffiċċju amministrattiv ta' dan ir-Reġjun. Għal din ir-raġuni għandu jinħatar board u tintgħażel data sabiex ikunu jistgħu isiru l-interviews. Dan il-proċess ma jistax jaqbeż l-aħħar ta' dan ix-xhar.

6.2 Kien hemm qbil bejn il-membri li l-Bord ser ikun kompost mis-Sur Michael Fenech Adami, mis-Sur Guido Dalli, is-Sur Dominic Cassar, is-Sur Anthony Dalli flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

## 7. Korrispondenza

**Korrispondenza**

7.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lil membri li dan ir-Reġjun irċieva e-mail mingħand id-DLG sabiex jinfurmana li l-applikazzjoni sabiex ikollna impjegat bid-diżabilità' kienet ġiet aċċettata.

7.2 Il-President, is-Sur Michel Fenech Adami, informa lil membri dwar e-mail li dan ir-Reġjun irċieva mingħand il-Kunsill Lokali tal-Imsida fejn dan il-Kunsill kien qiegħed jitlob li l-għamara li kienet inxtrat għall-uffiċċju tar-Reġjun kienet inxtrat mingħand dan il-Kunsill u r-Reġjun qatt ma kien raddhom.

7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, spjegat li kif kienet infurmata dwar dan, hija staqsiet lis-Sur Simon Cauchi, li kien Aġent tar-Reġjun però' ma kellux informazzjoni dwar dan peress li din l-għamara kienet inxtrat qabel ma kien beda ir-Reġjun. Hi kkonfermat li ma kien hemm l-ebda kont fl-accounts tar-Reġjun li juri li kienu tħallsu din is-somma.

7.4 Għal din ir-raġuni kien hemm qbil unanimu bejn il-membri preżenti sabiex dan il-ħlas jiġi *settled.*

7.5 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda e-mail oħra mingħand il-Kunsill Lokali tal-Imsida, fejn f'din l-email il-Kunsill spjega li l-kera ta' l-uffiċċju li kien qed ikunu mikri lir-Reġjun ma kinitx imħallsa.

7.6 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, ikkonfermat li ma skond il-kotba tar-Reġjun deher li l-pagamenti ta' mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta Lulju 2014 ma kienux ġew imħallsa lil Kunsill Lokali tal-Imsida.

7.7 Għal din ir-raġuni, kien hemm qbil unanimu bejn il-membri preżenti sabiex dawn il-pagamenti pendenti jiġu mħallsa.

## 8. Mistoqsijiet

Mistoqsijiet

8.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet mingħand il-membri.

8.2 Is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, staqsa jekk kienx hemm deċizjoni fuq il-kwotazzjoni ta' ħlas li kienet mibgħuta mill-A.M.E. Health and Safety Services Ltd.

8.3 Kien hemm qbil bejn il-membri sabiex is-Segretarju Eżekuttiv titlob kwotazzjoni mingħand l-A.M.E. Health & Safety Services Ltd. sabiex isir kors tal-First Aid għal erbatax-il persuna. Din l-ispiża tkun imħallsa mingħand ir-Reġjun.

8.4 Is-Sur Guido Dalli staqsa jekk kienx hemm deċiżjoni dwar is-servizz mingħand il-kumpanija Lornit Ltd. dwar is-software biex jinħarġu l-permessi mill-Kunsilli Lokali.

8.5 Kien hemm qbil bejn il-membri sabiex fil-laqgħa li jmiss is-Segretarju Eżekuttiv tippreżenta l-ismijiet tal-Kunsilli Lokali li jixtiequ jagħmlu s-sistema u dawk li ma jridux.

## 9. Approvazzjoni tal-Pagamenti

Approvazzjoni tal-Pagamenti

**9.1** Il-Viċi Sindku ta' Birkirkara, is-Sinjura Rita Borg, talbet spjegazzjoni fuq pagament numru 27 minn Skeda B – 'Qawsalla Frame and Art'.

**9.2** Is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, is-Sinjura Galea, spjegat li żviluppat żewġ ritratti (wieħed tal-istaff amministrattiv waqt il-laqgħa ġenerali, u l-ieħor tal-President) kif ukoll frames sabiex jitwaħħlu fl-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun.

**9.3** Il-Viċi Sindku ta' Hal Balzan, is-Sur Andre Grech, sekondat mis-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, ressaq mozzjoni biex jiġi approvat il-ħlas tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru 73A u 73B. Il-mozzjoni għaddiet *nem.con*.

## 10. Affarijiet Oħra

Affarijiet Oħra

10.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lil membri li mit-3 ta' Ottubru 2016, il-foreman ta' l-RSS, is-Sur Kenneth Formosa, m'għadux jaħdem ma' dan ir-Reġjun. Is-Sur Michael Vella ġie minflok is-Sur Formosa u fil-preżent qegħdin jaħdmu fil-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema. Kif jitlesta x-xogħol ma' dan il-Kunsill, iż-żewġ ħaddiema tal-RSS ser imorru fil-Kunsill Lokali ta' Hal Lija.

10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, fakkret lill-membri preżenti fuq is-servizz li qed jiġi offrut mingħand dawn iż-żewġ ħaddiema. Il-Kunsill Lokali għandu juri l-interess billi jibgħat e-mail lis-Segretarju Eżekuttiv ta' dan ir-Reġjun.

10.3 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lil membri li dan ir-Reġjun għandu bżonn jixtri kamera tar-ritratti żgħira sabiex il-Foreman tal-RSSL ikun jista' jieħu ritratti tax-xogħlijiet qabel u wara. Għal din ir-raġuni tressqet kwotazzjoni ta' kamera kif ukoll ta' cover u SD card mingħand Scan.

10.4 Kien hemm approvazzjoni mill-membri preżenti dwar dan.

## 11. Tender for the Service of Completion of a Regional Economic, Social and Cultural Community Plan (ESC PLAN)

Tender for the Service of Completion of a Regional ESC Plan

11.1 Il-President spjega kif wara li ġie ffirmat l-*Memorandum of Understanding* nhar l-Erbgħa 14 ta' Settembru 2016, dan ir-Reġjun ħareġ din is-sejħa online. Din is-sejħa għalqet dalgħodu fid-9:30am u fl-10:00am infetħu t-tenders. L-evalwaturi ltaqagħu fl-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun fit-3:00pm. Il-bord kien kompost mill-President, is-Sur Michael Fenech Adami, bħala ċ-Chairman, flimkien mal-evalwaturi, is-Sur Guido Dalli, is-Sur Anthony Dalli u s-Sur Stefan Cordina. Dan ir-Reġjun irċieva ħames offerti. L-irħas offerta kienet mingħand PKF Malta. Kull bidder ġie notifikat permezz tas-sistema u wieħed għandu ċans jikkontesta dan ir-riżultat sa għaxart ijiem.

## 12. Aġġornament

Aġġornament

**12.1** Il-laqgħa ntemmet fis-6:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 8 ta' Novembru 2016, fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Michael Fenech Adami** | **Jeanette Galea** |
| *President* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Data: **8 ta' Novembru 2016**